MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Numru. 45/2002

Pulizija
(Spetturi: Angelo Caruana,
Antonello Grech)
vs

Bernard sive Benny Attard ta' 44 sena bin Felic u Gemma nee' Gatt, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex nhar is-6 ta' Mejju, 1958 u residenti f'numru 25, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, detentur ta' Karta ta' l-Identita' bin-numru 24158 (G) .

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjoni li biha Bernard sive Benny Attard gie akkuzat bis-segwenti tmien (8) akkuzi u cioe' talli :

1. Matul Lulju 2002, partikularment nhar id-9 ta' Lulju 2002 bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fu il-persuna ta' Joseph Farrugia, anzjan ta' 72 sena, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-

delitt billi ta diversi daqqiet b’wire fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Joseph Farrugia, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu .

2. Fix-Xaghra, Ghawdex proprju f’numru 25, Triq il-Knisja, fid-9 ta’ Lulju 2002 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtoritajiet kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Farrugia, anzjan ta’ 72 sena, kontra l-volonta’ tieghu, liema sekwestru kien ghal aktar minn ghoxrin gurnata, u kif ukoll matul liema sekwestru, l-istess Joseph Farrugia gie offiz fuq il-persuna tieghu u mhedded bil-mewt .

3. Fl-istess perjodu fuq imsemmi uza vjolenza fuq il-persuna ta’ Joseph Farrugia, anzjan ta’ 72 sena, sabiex igieghlu jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga .

4. Fl-istess perijodu fuq imsemmi hedded fomm lill-imsemmi Joseph Farrugia b’delitt, liema theddid sar b’ordni jew kundizzjonijiet .

5. Fl-istess perjodu fuq imsemmi, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Joseph Farrugia, anzjan ta’ 72 sena, kif gie ccertifikat mit-tobba ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex .

6. Fix-Xaghra u f’diversi lokalitajiet f’Ghawdex, nhar is-17 ta’ Lulju 2002 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, zamm u garr arma tan-nar u munizzjoni u cioe’ revolver kalibru .22 ta’ ghamla u bin-numru serjali mhux maghrufa, u erba’ balal kalibru .22 minghajr licenzja tal-kummissarju tal-pulizija ;

7. Matul l-istess perjodu fuq imsemmi, spara l-istess arma f’post pubbliku b’periklu ghan-nies .

8. Huwa sar recidiv ai termini ta’ l-artikolu 49 u 50 .

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 2002 fejn innominat lill-Brigadier Maurice Calleja bhala espert ballistiku sabiex jezamina u jirrelata dwar *revolver* u *bullets* li gew esebiti f'din il-kawza bhala esebit numru wiehed (1) .

Rat ir-rapport ta' dan l-espert taghha pprezentat fit-22 ta' Ottubru 2002 u debitament mahluf fl-istess data .

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2002 fejn regghet innominat lill-espert ballistiku l-Brigadier Maurice Calleja sabiex jaghmel access fuq il-post fejn kien allegat li saret sparatura u sabiex jezamina, jeleva evidenza, jikkompara u jirrelata dwar dak li jsib, u lil Max Xuereb bhala espert tal-fotografija sabiex jiehu ir-ritratti rilevanti ghal dan l-ezami, taht id-direzzjoni ta' l-espert ballistiku .

Rat ir-ritratti esebiti bil-gurament ta' l-imsemmi Max Xuereb fl-udjenza tad-29 ta' April 2003 u mmarkati minn "Dok. MX 1" sa "Dok. MX 13" rispettivament .

Rat ir-rapport addizzjonali ta' l-espert ballistiku pprezentat u mahluf fl-1 ta' Awissu 2003 .

Rat il-verbali tax-xhieda kollha mismugha .

Rat id-dokumenti esebiti .

Rat l-att tar-rinviju ta' l-Avukat Generali tat-3 ta' Gunju 2003 fejn, billi deherlu illi mill-kumpilazzjoni f'dan il-kaz, tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub :
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 31, 86, 87(c)(f), 251, 249, 49, 50, 17(b)(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali .

(b) Fl-artikoli 3(1), 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 ;

(c) Fl-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kapitolu 33 ;

Iddecieda illi kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat mill-Qorti hawn fuq imsemmija .

Semghet lill-imputat jiddikjara fl-udjenza ta' l-1 ta' Awissu 2003 li ma jsib ebda oggezzjoni li din il-kawza tkompli tinstema u tinqata' min din il-Qorti .

Semghet lill-istess imputat jammetti fl-istess udjenza il-hames (5) u sitt (6) akkuzi .

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza .

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel akkuza hija dik ta' **attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna** ta' Joseph Farrugia . Irrizulta illi fid-9 ta' Lulju 2002, wara rapport anonimu li sar lill-Pulizija li Joseph Farrugia, anzjan ta' tnejn u sebghin sena kien qed jigi msawwat u nfatti anke ntlemah b'xi feriti f'wiccu, ngabar minn ufficjali tal-Pulizija mir-residenza ta' l-imputat u ttiehed l-isptar ghall-kura . Hemmhekk gie ezaminat mit-tabiba Dottor Marlene Attard illi, minkejja illi l-imputat sostna li kien ghadu kemm waqa' t-tarag, minhabba l-kwalita' ta' feriti li rat, partikolarment il-qasma f'wiccu u t-tbengil f'diversi partijiet ta' gismu, ssuspettat hazin u nfurmat b'dan lill-pulizija . Wara interrogazzjoni mill-Pulzija, Farrugia spicca ammetta maghhom illi huwa kien imgieghel jghid li waqa', imma fil-verita' kien gie msawwat mill-imputat b'bicca *wire* hoxna tad-dawl, (skond il-vittma kienet hoxna xi tliet kwarti ta' pulzier) waqt illi huwa kien mixhut biex jorqod fuq saqqu ma' l-art f'kamra ghand l-imputat . Zied ighid li din ma kienitx l-ewwel darba, ghax f'okkazzjonijiet ohra kien tah daqqa fuq ghajnu b'curkett "tal-lira" u anke qala' diversi daqqiet ta' sieq fuq l-istonku . Mic-certifikat rilaxxjat mill-istess tabiba Attard jirrizulta illi l-feriti li garrab Farrugia kienu ta' natura hafifa (Dok. AA. 1 a fol. 22 tal-process) . Bil-fatt li l-imputat ammetta l-hames akkuza, u cioe' dik li kkaguna feriti ta' natura hafifa fil-perijodu msemmi, jigi li mhux qed jichad li sawwat lill-Farrugia . Ghall-iskop ta' din l-akkuza pero', l-Qorti trid tiddecidi jekk l-imputat kellux ukoll il-hsieb li jikkaguna

feriti gravi fuq il-persuna tas-sinistrat u jekk inzammx milli jwettaq dan il-hsieb minn xi haga accidentali u ndipendenti mir-rieda tieghu jew inkella waqafx minn jeddu li jkompli fl-esekuzzjoni ta' dan id-delitt .

It-tentattiv ta' reat gie diskuss b'mod mill-iktar lucidu mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Mejju 1988 fil-kawza : "**Repubblika ta' Malta vs Mario Gatt et**." (kollez. Vol. LXXII pt. V p. 878) fejn intqal illi :

*"Fil-fatt in materja ta' x'jikkostitwixxi tentattiv ta' reat il-Qrati taghna tul is-snin kienu konsistenti u essenzjalment segwew it-teorija ta' Carrara bhala t-test biex jigu distinti dawk li fid-dottrina huma maghrufa bhal atti preparatorji minn dawk li huma noti bhal atti li jikkostitwixxu bidu ta' esekuzzjoni ;*

*Minn ezami tad-dicitura adoperata fl-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali jidhru li tlieta huma l-elementi essenzjali ta' tentattiv ta' delitt u cioe' :*

*(a) Att (jew attijiet) esterjuri li juri l-intenzjoni li wiehed ried jikkometti delitt ;*
*(b) Bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ; u*
*(c) Non-esekuzzjoni tad-delitt minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-imputat ;*

*In linea generali l-Qrati taghna fuq l-ewwel insenjament tal-Carrara dejjem sostnew li l-att esterjuri ghandu jkun tali li juri l-intenzjoni specifika li l-imputat ried jikkommetti delitt determinat u mhux semplicement intenzjoni generika li jikser il-ligi . Gie ritenut ukoll li huwa mehtieg li dak l-att jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u l-att huwa tali meta jifforma parti minn serje ta' attijiet li jekk ikkompletati jikkostitwixxu l-istess delitt (ara Appell Kriminali Inferjuri : l-Pulizija vs Paul Mifsud deciz fl-10 ta' Ottubru 1974 per Caruana Curran) u precedentement Appell Kriminali : l-Pulizija vs Antonio Grech deciz fil-25 ta' Gunju 1955 per W. Harding J.) . Fl-ahhar wahda minn dawn is-sentenzi gie wkoll ribadit li kif jghallem il-Carrara l-attijiet li jikkostitwixxu bidu ta' l-esekuzzjoni ghall-finijiet ta' tentattiv huma dawk univoci …." .*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, l-Qorti, wara li qieset sew il-provi mressqa, m'ghandhiex dubbju illi hawnhekk si tratta tassew minn tentattiv ta' reat ta' ferita gravi . L-imputat meta dahal fil-kamra ta' Farrugia b'dak it-tip ta'*wire* ohxon f'idu u beda jsawtu bih ta bidu ghall-esekuzzjoni tieghu . Certament li kieku ma tahx biss l-erba' daqqiet li qal li rcieva s-sinistrat u baqa' sejjer, kien jikkagunalu feriti hafna aktar serji milli fil-fatt garrab . Imma xi haga zammitu milli jkompli jsawwat lill-imputat . Dan zgur ma kienx Farrugia stess, li fil-pozizzjoni li kien jinsab fiha dak il-hin u anke minhabba l-eta', ma setghax joffri ebda rezistenza sinjifikanti . Lanqas ma kienet oht l-imputat li dahlet mieghu fil-kamra li waqqfithu . Din ma jirrizulta li ghamlet xejn biex izzomm lil huha milli jkompli jsawwat lil Farrugia . Imma kien l-imputat innifsu li minn jeddu, ddecida li ma jkomplix iwettaq dan id-delitt . Japplika ghalhekk hawnhekk l-artiklu 41(1) (b) tal-Kap. 9 li jittratta l-kaz fejn "*id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt*" .

It-tieni akkuza tittratta **s-sekwestru ta' persuna, b'offizi fuq il-persuna tieghu u bit-theddid tal-mewt** . Irrizulta illi Farrugia kien ilu joqghod ma' l-imputat u ohtu ghal madwar sentejn . Huwa kien mar joqghod ghandhom wara li kien beda relazzjoni ma' oht l-imputat . Ghall-bidu kien jigi ttrattat tajjeb, imma fl-ahhar xahrejn qabel ma ngabar mill-Pulizija, kien qed jigi msawwat, imsakkar fuq il-bejt matul il-jum u jithalla johrog biss sabiex isarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni u dejjem fil-kumpanija tal-imputat . Gia ntqal kif jirrizulta li Farrugia kien jissawwat mill-imputat. Li ma kiex liberu li johrog mid-dar ta' l-imputat jirrizulta sew minn dak stess li xehed l-imputat, li kien kredibbli hafna fid-depozizzjoni tieghu, kif ukoll minn dak li qalu x-xhieda l-ohra fis-sens li kien jidher imwerwer u li, minkejja li kien ittiehded l-isptar ghall-kura baqa' jinsisti li jirritorna ghand l-imputat, sakemm ammetta mal-Pulizija li kien jinsab mhedded minnu . Ferm indikattivi wkoll huma ic-cirkostanzi tar-rapport anonimu li sar lill-Pulizija dwar il-kundizzjoni fizika tas-sinistrat, ir-rapport li ghamlu familjari tieghu lis-*social worker* Peter Paul Portelli li kienu qed jissuspettaw li hemm xi haga rregolari, u s-sejha bla

success li ghamillu l-istess *social worker* biex imur ikellmu l-ufficcju . Li gie mhedded bil-mewt jirrizulta wkoll, ghax apparti li gie ammess mill-imputat li kellu *revolver,* dan gie deskritt b'mod dettaljat minn Farrugia li sostna li l-imputat kemm-il darba heddu li ser joqtlu bih u wara jitfghu fi xkora go wied . Din l-akkuza giet ghalhekk ukoll ippruvata .

It-tielet akkuza **tittratta l-uzu tal-vjolenza fuq il-persuna ta' Farrugia sabiex igieghlu jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga .** Madankollu ma ngiebet ebda prova dwar ir-raguni proprja ghaliex Attard kien qed jittratta lil Farrugia b'dan il-mod .

Ir-raba akkuza dwar **theddid ta' delitt bil-fomm b'ordni jew kundizzjonijiet** lanqas ma giet ippruvata .

Il-hames akkuza ta' **feriti ta' natura hafifa** giet ammessa .

Is-sitt akkuza dwar il-**pussess u garr ta' arma tan-nar** hija wkoll ammessa.

Is-seba' akkuza tittratta l**-isparar ta' l-istess arma f'post pubbliku** . Ma gew prodotti ebda xhieda okulari li attwalment raw lill-imputat jispara din l-arma fil-pubbliku, ghax Farrugia kull ma seta' jghid kien illi waqt illi kien fit-tarag sema' l-hsejjes ta' diversi sparaturi fit-triq quddiem id-dar ta' l-imputat u dritt wara l-imputat dahal lura d-dar bir-*revolver* f'idu . Fil-fehma tal-Qorti jezistu pero' cirkostanzi bizzejjed li jwassluha ghall-konvinciment illi l-imputat tassew spara din l-arma barra minn daru . Mill-ezamijiet maghmula mill-espert ballistiku sew fuq l-arma ta' l-imputat kif ukoll fuq il-*bullet heads* li sab imwahhlin f'zewg bibien tad-dar tal-gar ta' l-imputat, jirrizulta illi dawn il-*bullits* ghandhom l-istess kalibru u gew sparati minn pistola li ghandha l-ispecifikazzjonijiet kollha li kellha wkoll l-arma "home made" li kienet infatti instabet ghand l-imputat (ara rapporti tal-Brigadier Maurice Calleja a fol. 96 - 100 u 176 -181 tal-process) . Tali cirkostanzi ma jhallu ebda dubbju f'ghajnejn il-Qorti illi dawn il-*bullits* gew fil-fatt sparati mill-imputat Attard mill-arma li nstabet fil-pussess

tieghu mill-Pulizija u sussegwentement esebita minnhom fl-atti ta’ din il-kawza .

L-ahhar akkuza tittratta r-recidiva . L-unika prova dwar dan fl-atti tal-kawza hija l-fedina penali tal-akkuzat (a fol. 4 – 7 tal-process) . Huwa veru illi l-imputat ezenta lill-Prosekuzzjoni mill-prova dwar din l-akkuza . Imma, anke minn ezami ta’ din il-fedina penali biss, ghalkemm jirrizulta illi l-imputat gie diversi drabi misjub hati ta’ reati, anke sahansitra wiehed ta’ omicidju, dawn meta nhargu l-akkuzi prezenti kienu gia jinsabu kollha preskritti ghall-fini tar-recidiva (ara art. 49, 50 Kap. 9) .

Jibqa’ biss ghalhekk sabiex tigi stabilita l-piena misthoqqa ghar-reati li dwarhom instabet htija f’din il-kawza . Huwa evidenti illi minhabba d-diversi akkuzi li nsabet htija dwarhom, japplika hawnhekk il-konkors ta’ reati u pieni a tenur ta’ l-artikolu 17 tal-Kap. 9 . Tenut kont in-natura ta’ l-akkuzi li dwarhom instabet htija, partikolarment is-sekwestru u theddid fuq persuna anzjana u l-mod pjuttost insensibbli li bih din giet ittrattata u l-pieni rispettivi stabiliti ghal dawn id-diversi reati skond il-ligi, tiddecidi billi tikkundanna lill-imputat Bernard sive Benny Attard ghal tliet (3) snin prigunerija, li minnhom a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel f’kustodja taht arrest preventiv .

Tordna wkoll, a tenur ta’ l-artikolu 23 tal-Kap. 9 u l-artikolu 19 tal-Kap. 66, il-konfiska ta’ l-arma esebita fl-atti ta’ din il-kawza, u a tenur ta’ l-artikolu 533 ta’ l-istess ligi li l-ispejjez ta’ l-esperti nominati mill-Qorti f’din il-kawza jithallsu kollha mill-istess akkuzat .

Skrim4502Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------